MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2010

Numru 908/2010

PULIZIJA
SPETTUR ANTHONY PORTELLI
SPETTUR FABIAN FLERI
VS
RYAN BARTOLO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Ryan Bartolo ta’ 21 sena, iben missier mhux maghruf u Antonia Delia nee’ Bartolo, imwieled Pieta’ nhar it-12 ta’ Frar, 1989, residenti no.10, Triq Sant Ursula, Isla u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 171589(M);

Illi huwa akkuzat talli gewwa l-Kalkara fil-lejl ta’ bejn it-22 u t-23 ta’ Awwissu 2010, ikkommetta serq ta’ flus kontanti minn gewwa l-Forti Rinella, li fond jinsab fi Triq Santu Rokku Kalkara, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-

hin u valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro, u dan sar ghad-dannu tal-Fundazzjoni Wirt Artna u/jew persuni ohra;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi 11.65 euro izda ma teccedix 116.47 euro u dan sar ghad-dannu ta' l-imsemmija Fundazzjoni Wirt Artna u/jew persuni ohra;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat fil-verbal datat 18 ta' Awwissu 2010 (a fol.5);

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, **Ryan Bartolo**, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 261, 263, 264, 270, 267 u 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 u 24(1) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ta' tlett (3) snin** taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

In oltre', il-Qorti taghraf illi s-somma globali misruqa kienet ta' elf u erba mija u sebgha u sittin Euro (€1,467). Illi l-imputat hallas tlett mitt Euro (€300) fis-seduta datata 11 ta' Novembru 2010 (a fol.21) u jibqa' ghaldaqstant bilanc ta' elf mija u sebgha u sittin Euro (€1,167) u li l-imputat ipprometta illi ser ihallas dan il-bilanc permezz ta' rati mensili ta' tlett mitt Euro (€300).

Illi ghaldaqstant **il-Qorti tohrog kontra l-imputat Ordni ta' Kumpens b'dana li l-imputat ghandu jhallas lill-kwerelant, is-somma ta' elf mija u sebgha u sittin Euro (€1,167) permezz ta' rati mensili tul il-perijodu ta' sitt (6) xhur mid-data tal-lum ai termini ta' l-Artikolu 24 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali ta' l-imputat u l-obbligazzjoni tieghu illi jhallas dak kollu dovut.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------